Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 125/2018

Il-Pulizija

Spettur Justine Grech

Vs

Jesmond Aquilina

Illum 30 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Jesmond Aquilina detentur tal-karta tal-identita Maltija 109071 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

a) Talli fis-17 ta' April 1998 b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, matul l-ahhar granet ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer forna jew ipprokura jew offra li jofri jew li jipprokuza d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt

Taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kif ukoll talli fl-istess data, zmien u hin u cirkostanzi b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu.

c) Ukoll talli fit-18 ta' April 1998 u il-granet ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolamenti 5 (1) tal-Avviz Legali 22 ta' 1985 kif sussegwentement emendat, u 35 B u 89 A u it-Tliet (sic) Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V ta' 1985 kif emendat.

d) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi, ikkonsenja medicina specifikata u psikotropika lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti, jew ma kienx xorta ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu, bi ksur ta' Regolamenti 10(2) tal-Avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement

emendat u 35(B) u 89(A) u it-Tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985 kif emendat.

e) Ukoll talli bejn il-15 u 18 ta' April 1998 b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, ffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li kienu falsifikati, u cioe' Liri Maltin, u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

f) Ukoll talli fl-istess data, zmien, hin u cirkostanzi b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda talli minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuni jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta' flus ffalsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu ffalsifikati, u cioe' Liri Maltin skond l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

g) U aktar talli sar recidiv fit-termini tal-art. 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' 17 ta' Gunju 1993 u it-18 ta' Gunju 1993 u it-23 ta' Ottubru 1993, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti:

1. Sabet lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u illiberatu minnhom;
2. Illiberatu ukoll mit-tieni imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga eroina;
3. Wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939; l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u r-regolamenti 3 (1) tal-Avviz Legali 22/1985; u l-Artikolu 17, 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat.

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikkundannat lill-imputat ghall-piena karcerarja ta' hmistax (15)-il xahar u multa ta' elf Euro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b' rati mensili u konsekuttivi ta' tmienja u ghoxrin Euro (€28.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li giet b' din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.
5. In vista tal-fatt li l-imputat ma nstabx hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrieh, il-Qorti ma ikkundanndatux ihallas l-ispejjez tal-espert mahtur minn din il-Qorti, in konnessjoni ma' din it-tieni imputazzjoni.
6. Fl-ahharnett, il-Qorti gibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li invista tal-fatt li l-imputat qieghed fuq kura ta' medicina psikotropika, u bhalissa jinsab residenti fuq bazi volontarja fl-Isptar Monte Carmeli, issugerixxiet li qabel jigi ammess fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, jigi ezaminat minn psikjatra, li ghandu jaghti l-opinjoni tieghu, dwar jekk l-imputat ghandhux jinzamm fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jew fil-Forensic Unit tal-Isptar Monte Carmeli, jew f' kull divizjoni ohra tal-istess Sptar li l-istess psikjatra jidhirlu tkun aktar idonea ghal kundizzjoni tal-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jesmond Aquilina, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-rigward s-sentenza moghtija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata l-s-seba (7) ta' Marzu 2018 fil-konfront tieghu billi fl-ewwel lok zzomm ferma u konferma fuq il-fatt li l-imsemmija Qorti ta' Prim istanza sabitu mhux hati tar-reati kif kontemplati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzjua tal-Avukat Generali u ghat-tieni imputazzjoni u fit-tieni lok billi thassar, tirriforma u tilliberah minn kull htija u piena fil-konfront tal-akkuzi l-ohra kif

elenkati mill-imsemmija Qorti bhala t-tielet, ir-raba , l-hames u s-sitt akkuzi u dan ai termini tal-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

a. Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jissottometti li huwa kellu jigi liberat minn kull akkuza kontra tieghu.

   Dan qieghed jigi mressaq l-ewwel ghax x-xhud principali Joseph Attard oggettivament ma huwiex kredibbli. Di fatti l-istess Onorabbli Qorti in prim istanza kkonstat hija stess li "Meta xehed quddiem din il-Qorti, ghal xi raguni Attard donnu sofra amnesija ghax ftakar ftit li xejn mill-incident li wassal ghal konsegwenza li spicca waqa f' overdose, pero' kkonferma li wara li kien kellmu l-Ispettur hu kien ta' xhieda tieghu lill-Magistrat." Jrid jinghad li diversi drabi f' kazijiet bhal dawn fejn l-istess Attard kien spicca l-isptar jipperikola hajtu huwa ferm iktar facili li wiehed jwahhal f' persuna li huwa pedina minuri milli fil-persuna li attwalment tkun forniet d-droga. Dan iktar u iktar meta mill-atti ma jirrizultax li l-imputat kellu droga eroina preparata ghat-traffikar u kull kundanna li kellu precedentement quddiem dawn l-Qrati marbuta ma droga huma ta pussess semplici. L-esponenti ma kienx f' ebda mument u anzi bit-trapass ta' kwazi ghoxrin sena ma kellux akkuzi jew kundanni ta dan.

   It-tieni kif l-istess Onorabbli Qorti in prim istanza sabet anqas ma kien hemm l-prova li l-pilloli kienu effettivament dawk komunement maghrufa bhala Valium. Di fatti kif sewwa konstatat "l-analizi irrizultat fin-negattiv". Ghalkemm jirrizulta li l-ordni ghall-ezami saret fl-2004 , sitt snin wara dan ma jfisserx li dawn kienu effettivament pilloli projbiti bil-ligi. Oggettivament jibqa biss li l-prova li kellha tressaq l-prosekuzzjoni bazata fuq l-allegazzjoni taghha li l-pilloli kienu projbiti ma gietx pruvata u konsegwentement ma setghax jirrizulta li l-esponenti ttraffika.

T-tielet anqas ma wiehed jistgha joqghod fuq x-xhieda moghtija minn Ludwig Bugeja jew bil-konstatazzjonijiet li saru ta' Trevor Camilleri. L-ewwel nett iz-zewg karattri huma maghrufa f' dawn l-Qrati b' gudizzji varji. T-tieni l-istess Camilleri f' ebda mument ma ddikjara bil-gurament li huwa xtara minghand l-esponenti. T-tielet jrid jinghad li anqas ma wiehed ghandu joqghod bhala parti mill-grad tal-prova li hija necessarja li tingieb mill-prosekuzzjoni fuq dak li xhed Bugeja. Ir-raba dak li inghad ma jikkostitwixxix prova indiretta li hija univoka anzi tidher kjarament li ma hiex iktar u iktar meta jidher li ghal kontra ta' dak li inghad l-esponenti kellu fuqu karti tal-ghoxrin lira li kienu validi u mhux foloz.

Ir-raba jrid ukoll jigi ulterjorment rilevat li mill-atti ma hemmx prova kontra l-esponenti li fih jirrizulata xi forma ta' ammissjoni fil-partecipazzjoni ta' dak li gie akkuzat bih.

b. Illi fit-tieni lok l-esponenti minghajr pregudizzju ghas-suespost ghar-rigward il-piena hemm konsiderazzjoni oggettiva u din hija li dawn l-proceduri ghar-ragunijiet u l-komplikazzjonijiet varji hadu issa kwazi ghoxrin sena li biex jigu terminati. L-esponenti umilment jissottometti li f' dawn ic-cirkostanzi ma kellux jigi kundannat ghall-piena karcerarja u kellu jinghata piena bl-ordni ta' trattament kif tippermetti s-sistema nostrali. F' kull kaz l-esponenti kellu u ghad ghandu d-dritt kostituzzjonali ta' dak li huwa maghruf bhala a "speedy trial".

Ikkunsidrat;

Fis-seduta ta' nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) xehed l-**Ispettur Norbert Ciappara** li qara l-akkuzi migjuba kontra l-appellant. Spjega li fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) il-Pulizija tal-Ghassa ta' Bormla rcevew rapport mill-Isptar illi kien dahal certu Joseph Attard isofri minn overdose ta' eroina u pinnoli. L-Ispettur Stella Cutajar accediet u nformat lix-xhud li Joseph Attard kien dependenti fuq l-eroina u li kien anke qieghed jaghtiha xi informazzjoni dwar minn fejn kien akkwista l-eroina kif ukoll il-pilloli li kien ha.

Xehed li Attard kien rilaxxat mill-Isptar u kien migjub l-ufficju tax-xhud, ix-xhud flimkien mal-Ispettur Cutajar kienu kellmuh fejn kien indikalu li kien xtara l-eroina

minghand persuna li kien jafa bhala ix-xalun minn Hal-Qormi, li fis-sittax (16) ta' April kien mar biex jixtri l-eroina minn hemmhekk, din il-persuna maghrufa bhala x-xalun ma kellux eroina pero' kien tah xi flus biex imur jixtri xi grammi tal-eroina minn post go Hal Qormi stess. Huwa kien sussegwentement mar u xtara u kien tah xi droga ghalih. Jghid li qallu li meta kien gablu d-droga kien reggha tah erbghin lira ohra, kien mar biex jerga' jixtri d-droga pero' minghand min kien ha jixtri d-droga kien talbu aktar flus allura ma xtarax u rritorna lura. Jghid li qallu li meta rritorna ghand dan il-persuna maghruf bhala x-xalun ma kienx qieghed hemm u ghalhekk huwa telaq bil-flus fuqu.

Jghid li irrizultalu li l-flus li kien tah dan ix-xalun kienu x'aktarx floz, qallu wkoll li kien dahal go hanut Hal Qormi stess biex jiccekjahomlu u kien indikalu li kienu foloz pero' minn hemm hekk huwa baqa' sejjer il-Hamrun, kien xtara xi doza zghira ta' eroina minn hemm hekk ukoll pero' mbghad l-ghada fis-16 kien rega niezel Hal Qormi biex jara jsibx dan ix-xalun biex jaghtih il-flus pero' ma kienx hemm. Qal li telaq lejn Bormla u kien iltaqa' ma zewg persuni ohra fosthom certu Trevor Camilleri u Ludvic Bugeja, illi l-flus li kien tah din il-persuna li kien qed jirreferi ghaliha bhala x-xalun kien jinxtraw kemm pilloli tad-ditta valium li huma dipressanti kif ukoll xi eroina minghand l-imputat Jesmond Aquilina.

L-Ispettur Jesmond Aquilina spjega li bdew l-investigazzjonijiet u fl-ghoxrin (20) ta' April kien gie arrestat l-imputat mill-Ispettur Stella Cutajar li dak iz-zmien kienet surgent fid-disrett ta' Bormla u sussegwentement kien mar l-ufficju taghha u hadu stqarrija lill-imputat fejn hu kien cahad u nnega l-allegazzjonijiet kollha li kien ghamel Attard.

L-Ispettur Jesmond Aquilina prezenta l-istqarrija tal-imputat mmarkata bhala dok. NC 1, gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur Cutajar u spjega li Jesmond Aquilina wara li kien repetutament mwissu li kellu d-dritt li ma jirrispondi l-ebda mistoqsija kien ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija. Spjega li kienu nstabu xi flus foloz fuq Aquilina li hu kien qal li belahom minghand xi hadd tal-gabana jekk jiftakar sew ix-xhud pero' ix-xhud jghid li kien jidher li l-flus foloz li kellu fuqu kienu dawk il-flus li filfatt kien qed jallega Joseph Atard li kien xtara d-droga bihom minghandu flimkien ma' Trevor Camilleri u Ludvic Bugeja.

Prezenta ukoll numru ta' sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat. Spjega li l-flus foloz li kienu jammontaw ghall-erba' karti tal-ghoxrin lira 'l wahda ma jistghux jigu esebiti ghax qeghdin esebiti fi process iehor.

Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) xehed ukoll **PS 132 Joseph Camilleri** fejn spjega li fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) kien xoghol l-Ghassa ta' Bormla u f'xi tlieta' ta' wara nofsinhar gabu lil Jesmond Aquilina l-Ghassa u qabel dahlu jistenna fic-cella ghamlulu tfixxija u fuqu sablu erba' (4) karti tal-ghoxrin lira (LM20) 'l wahda li dehru li kienu foloz. Jghid li zammhom u tah ircevuta li prezenta u li ffirma ghalihom. Din l-ircevuta tinstab a fol 59 u hija mmarkata bhala NC5.

Fl-istess seduta ta' nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) xehed ukoll **Joseph Attard**. Dwar l-overdose jghid li dak iz-zmien ma kienx ghaddej minn perjodu sewwa hafna, kellu kwistjonijiet mal-mara, familjari, jghid li qabad jiehu l-heroin '*u jekk jidhirli sewwa kont hadt xi zewg pirmli wkoll jekk m'hiniex nizbalja dejjem*'. Jghid li jiftakar li kien mar lejn Bormla, mistoqsi jekk qabel Bormla marx xi rahal iehor jghid li mar diversi postijiet, jghid li l-flus kien gabhom minn Hal Qormi minghand ix-xalun. Jghid li batu jgib id-droga. Jghid li jidhirlu li wara mar lejn id-dar. Jghid li '*l-ghada filghodu kont qomt sick, mort biex naghtih il-flus niftakar ma nafx ma kienx hemm, la ma stajtx nidhol jien kont tlaqt u sadintant nzilt Bormla biex ninqeda*'. Jghid li '*propjament jien tajt flus bniedem u mar ggib il-cocaine*', jghid li ismu ma jafux u jikkonferma li jekk mhux sejjer zball kellu laqam. Mistoqsi fejn mar, qal li tinzel min-naha ta' kafe riche, jghid li hemhekk hemm pjazza. Il-Qorti ikkumentat li '*int tajt il-flus lil Ludvic u gab l-imbarazz hu*'. Jghid li ma telax mieghu, ma jidhirlux li mar mieghu. Jghid li l-pirmli jekk mhux sejjer zball sofor. Jghid li lil imputat jafu, jghid li kien mar l-isptar Mount Carmel jara r-ragel ta' ohtu u jghid li jafu qabel ukoll. Jikkonferma li kien jafu ukoll f'April tan-98. Mistoqsi jekk jiftakarx Ludvic qallux minghand min kien sejjer jixtri droga qal li ma jiftakarx. Ikkonferma li jiftakar li kien ta x-xhieda tieghu lil Magistrat wara li kelmu l-ufficjal prosekutur.

Fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) dehru **Dr Joseph Spiteri**, **Dr Joseph Cassar** u **Dr Anton Grech** li kienu mahtura sabiex jistabillixxu l-istat tal-imputat kemm fiz-zmien li twettqu l-allegati reati kif ukoll illum.

Huma prezentaw u kkonfermaw bil-gurament ir-relazzjoni dwar l-appellant. Dr Joseph Cassar xehed li '*L-istat mentali tas-sur Jesmond Aquilina hija xi haga kronika u li sfortunatament jkun hemm fluctuation skond iz-zminijiet u fil-mument presenti mhux f'mument li jista' joqghod ghal fit to plea, ma nafx bil-Malti xi tghid*'. Din ir-relazzjoni tinstab a fol 82 et seq u hija mmarkata bhala Dok. PS1.

Fis-seduta ta' nhar id-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) rega xehed l-**Ispettur Norbert Ciappara** li prezenta bott pilloli li kien gie elevat mill-Ispettur Maria Stella Catania fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998).

Il-Qorti kienet fl-istess seduta hatret lill-Ispizjar Forensiku Mario Mifsud biex jaghmel l-analizi forensici kollha mehtiega fuq l-Esebit, li gie mmarkat bhala dokument 'NNCD'.

Fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) xehdet l-**Ispettur Maria Stella Cutajar** li spjegat li fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) gew infurmati mill-Isptar San Luqa li Joseph Attard kien rrapurtat u mdahhal l-isptar b'urgenza fuq overdose ta' eroina u *valium pills* kif gie konfermat u certifikat minn Dr Darmanin tal-Isptar San Luqa. Tghid li Joseph Attard gie investigat u wara gie rilaxxjat mill-isptar San Luqa. Irrilaxxa stqarrija u ghaddew proceduri kriminali kontra Joseph Attard li giet deciza. Tghid li dan kien fid-dsatax (19) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) u fl-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) ghazel li jaghti x-xhieda tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Tispjega li Joseph Attard fl-istqarrija, taghhom informazzjoni kif gew f'idejh flus foloz kif ukoll id-droga eroina. Tghid li qal li kien nghata l-flus foloz fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998). Spjegat li Joseph Attard qal li kien hemm persuna maghrufa bhala tax-Xalun li tah xi grammi ta' eroina wara li fil-fatt ghaddielu flus foloz. Hu allega li kien xtara two sachets ta' eroina minghand persuna li ndika bhala il-Lembut, li hu allega li kien minn Bormla. Tghid li Attard allega bil-gurament u anke fl-istqarrija tieghu li kultant kien qed jakkwista d-droga eroina li kienu ppakkjati gewwa sachets u meta kien fil-pussess tal-istess droga u mar ix-Xghajra ta' Bormla hu ltaqa ma persuna ohra li kienet taht influwenza tad-droga li

kienet qed issuq Mini Metro bajda. Zied jghid li dan il-persuna kien Ludvig Bugeja. Attard qal li '*Bugeja qallu li ried jixxerja droga mieghu*'. Kellu LM20 minn dan l-ammont ta' flus li ghaddielu x-Xalun u l-istess droga 'xxerjaw' fil-fatt flimkien. Hu qallu li sabiex jakkwistaw id-droga jmorru jixtru l-istess droga minghand il-persuna maghrufa bhala l-Lembut minn Bormla. Attard qal li hu kien jaf li dawn il-flus li ghadda lil din il-persuna maghrufa bhala Ludvig kienu flus foloz.

Gurnata qabel hu kien iltaqa ma persuna ohra minn fejn hu kien akkwista l-istess droga. Fl-istqarrija tieghu Joseph Attard kien qal lil Ludvig Bugeja sabiex jaghtih lift ghad-detox u kien rreferieh u hadu l-casualty department.

Tghid li Jesmond Aquilina huwa maghruf bhala l-Lembut. Tghid li fit-tmintax (18) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998), PS 132 flimkien maghha u kif ukoll mal-pulizija tad-distrett ghamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat Jesmond Aquilina li kien fil-kumpanija ta' Trevor Camilleri. Trevor Camileri hu diga akkuzat u ghaddej proceduri u kien instab li kellu fuq il-persuna tieghu erba' (4) LM20 foloz.

Tghid li mit-tfittxija li saret fuq Aquilina anke fir-residenza tieghu fil-prezenza tax-xhud tghid li gew elevati u konfiskati wkoll numru konsiderevoli ta' pilloli sofor li gew suspettata kif ukoll verifikati parti mill-Inkjesta li kienu fil-fatt Valium pills. Jghid li minn din is-search ukoll wara li arrestaw lil Jesmond Aquiina u ttiehed gewwa l-Ghassa Bormla ghal iktar investigazzjoni, komplew b'tfixxija ohra ghand il-habib tieghu Trevor Camilleri. Hija gharfet il-kontenut ta' Dok. NNCD bhala l-pakkett b'numru konsiderevoli ta' pilloli li kienu gew elevati mir-residenza ta' Jesmond Aquilina fil-prezenza ta' PC90 illum surgent Gerada.

Qalet li l-imputat ittiehdietlu stqarrija fil-prezenza ta' PC 1579 kif ukoll tal-Ispettur prosekutur. Prezentat vera kopja tal-istqarrija tal-imputat u sjegat li wara li nghata s-solitu twissija ghazel li ma jifirmax l-istqarrija fejn hawn hekk l-imputat qal li meta gie mistoqsi dwar l-oggetti li kienu elevati cioe l-4 karti ta' LM20 li huma foloz u dwar li fil-kamra tieghu gie elevat bott tal-plastic kontenenti 8 piloli sofor, hu qal li ma ried jirrispondi xejn. Ghalkemm verbali u qabel l-istqarrija hu qal li kien qed jiehu jew kien qed ibiegh id-droga eroina, hu cahad li il-gimgha f'dik id-data cioe' f'April tal-elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) kien qed ibiegh id-droga eroina. Hija gharfet il-firma taghha u tal-Ispettur Ciappara.

Tghid li meta gie investigat certu Trevor Camilleri fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) kien ukoll qal u semma li kien iltaqa' ma Joseph Attard fix-Xaghra ta' Bormla fejn hu kien ghaddielu dawn il-liri li kienu foloz u kien ghadda l-istess flus lil Jesmond Aquilina li hu l-imputat maghruf bhala l-Lembut. Tghid li ghaddielu dawn il-flus li fil-fatt kienu foloz kif irrizulta anke mill-process kif gie mressaq fil-proceduri kriminali. Tghid li meta gie mistoqsi kif filfatt Jesmond Aquilina kien fil-pussess tal-istess flus foloz hu kien qal li ghadda biss f'idejh, kien ghaddielu zewg karti tal-LM20 fejn kien qal li kien hemm persuna ohra maghrufa bhala Ludvig Bugeja '*li kien qallu li Joseph Attard kien qallu li kien l-istess flus ma kienux ta' Jesmond Aquilina maghruf bhala l-Lembut.*'

Fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) **Ludvig Bugeja** ikkonferma li ghandu kaz il-Qorti u li ma jiftakarx ezatt fuq xiex. Mistoqsi jekk jiftakarx li kelmu l-ufficjal prosekutur u li kien kellmu qabel ma ressqu l-Qorti wiegeb li ma jafx. Jghid li jiftakar li kien kellmu izda ma jafx fuq xiex ezatt. Imfakkar mill-prosekuzzjoni jekk ghandux kaz ta meta '*xtrajtu xi pilloli b'xi flus li kien taghhom l-imputat*' wiegeb '*Le le le. Niftakar li kelli kaz hekk imma ma xtrajtx dawn l-affarijiet minghand l-imputat*'. Mistoqsi jekk iridx jixhed, qal li jekk ghandu dritt li ma jixhidx ma jixhidx. Peress li ghandu kaz pendenti huwa ghazel li ma jixhidx.

Fis-seduta ta' nhar il-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed **AC Emanuel Cassar** li kkonferma li l-imputat Jesmond Aquilina li qed jara quddiemu huwa l-istess Jesmond Aquilina imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-Hamis id-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) fl-ismijiet Pul Spettur Emanuel Cassar u Spettur Carmel Demicoli vs Jesmond Aquilina, Edmond Schembri, David Spiteri u Melchior Spiteri.

Fis-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) xehed **Ex PS 1114 Saviour Pulo** li gharaf lill-imputat. Huwa kkonferma wkoll is-sentenza li nghatat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disghin (1992). Jghid li hu kien fl-investigazzjoni.

L-**Ispizjar Mario Mifsud** xehed fis-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) li qal li kien gie appuntat mill-Qorti fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) biex jaghmel analizi fuq dokument li kien fih pilloli sofor.

Jghid li ghamel dawn l-analizi pero′ rrizultalu li dawn il-pilloli kienu skaduti ghax kienu gew prezentati fis-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) pero′ hu xorta ghamel analizi biex jara jekk hemmx xi prodotti ta' dekomposizzjoni minn sustanzi li huma llegali u dan rrizultalu fin-negattiv. Huwa prezenta d-dokument li fuqu sar l-analizi. Ir-rapport huwa mmarkat bhala Dok MM a fol 148 et seq.

Fis-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) xehed **David Saliba** li ghamel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li tidher a fol 33 u mmarkata bhala Dok. NC2. Jghid li jiftakar li kien assista fil-prosekuzzjoni taghha u gharaf lil Jesmond Aquilina prezenti fl-awla bhala l-istess persuna li kontriha nghatat din is-sentenza.

Fis-seduta tal-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) xehdu **Dr Anton Grech**, **Dr Joseph Cassar** u **Dr Joseph Spiteri** fejn il-Qorti indikat li l-esperti ser jixhdu fuq il-kaz tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000). Huma xehdu li raw lis-Sur Jesmond Aquilina u ezaminawh diversi drabi. Jghidu li kien hemm drabi fejn kien taht l-effett tal-medicini u ma setghux jezaminaw l-istat mentali. Bhala konluzjoni sabu li hu qed ibati minn mard kroniku psikjatriku pero′ ma dan kollu minkejja li dan jaffettwalu l-agir tieghu, l-allegati reati kien jaf bihom u kellu l-intenzjonijiet u kemm il-volonta li jaghmilhom. Mistoqsija '*Huwa fit biex jirrispondi ghal dawn l-akkuzi?*' Wiegbu li iva. Xehdu li llum il-gurnata qieghed taht kura regolari ghax qieghed rikoverat gewwa St. Michael's ward go St. Luke's li hi parti mill-habs u l-istat mentali tieghu huwa stabbli bil-kura li qed jiehu u ghax mhux jiehu ebda forma ta' sustanzi illeciti. Jikkonfermaw li kapaci '*jiffolowja u jaf x'inhu jigi u fuq xiex inhu akkuzat*'. Xehdu li huwa fit to plead fis-sens li hu kapaci jaghti struzzjonijiet lil avukat tieghu, kapaci isegwi x'inhu jigri go l-awla u kapaci jghid jekk hux hati jew le. Spjegaw li minhabba l-mard kronoku tieghu, l-apparenza tieghu tidher kultant li qisu mhux isegwi ezatt u allura wiehed irid jispjegalu iktar b'mod semplici.

Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) **Ludvic Bugeja** iddikjara li l-kaz tieghu ghadu pendenti u li f'dan l-istadju mhuwiex se jixhed.

Fl-istess seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) xehed l-**Ispettur Norbert Ciappara** li spjega li kemm ix-xhieda ta' Joseph Attard u l-flus li allegatament instabu ghand l-imputat qeghdin esebiti fi proceduri Pulizija vs Eleno

sive Lino Bezzina, kumpilazzjoni li qed tigi preseduta mil-Magistrat Giovanni Grixti li jghid li tinsab rrinvjata ghand l-AG.

Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) xehdet id-**Deputat Registratur Claire Attard** li prezentat vera kopja ta' process verbal redatt mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi b' xhieda ta' Joseph Attard moghtija fl-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) li giet immarkata bhala Dok CAX[1]. Fil-process verbal tinstab ukoll l-istqarrija ta' Joseph Attard moghtija fl-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) kif ukoll ix-xhieda ta' Joseph Attard moghtija fl-istess gurnata quddiem dak iz-zmien il-Magistrat Inkwirenti Dr Antonio Mizzi.

Fix-xhieda moghtija minn Joseph Attard quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr Antonio Mizzi datata l-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) mistoqsi x'gara fil-hmistax (15) ta' April qal li nhar l-Erbgha dahal l-Isptar u dam hemm sat-Tnejn. Rega' mistoqsi x'gara nhar il-hmistax (15) ta' April jghid li mar ghand ix-Xalun bhas-soltu biex jinqeda minghandu. Jghid li ma jafx x'ismu. Qal li mar ghandu u qallu li ma ghandux xoghol. Xehed li qallu '*Ghadni ma gibtux ix-xoghol. Ghedtlu kif ser naghmel biex ninqeda allura? qalli ghalissa m'ghandix. Qalli mur isstennini fil-pjazza.*' Huwa rrefera ghal pjazza ta' Hal Qormi ta' San Bastjan. Kompla jixhed li '*U mort jiena qalli erga ghaddi xi s-siegha. Ghedtlu issa nerga nghaddi f'xi s-siegha. Qadt hemm nistenna fis-siegha ergajt mort ghandu. Qalli m'ghandix xoghol. Qbist jien ghedtlu imma jiena qieghed.. kif ser naghmel biex.. qadt naqra hdejh, taghni LM40 zewg karti tal-ghoxrin u mort insomma jien..*' Ma jiftakarx ismu u lanqas il-laqam. Qal li mar fejn l-iskola ta' San Gorg, mar u kien hemm wiehed jafu b'ismu c-Cefai u staqsieh, qallu biex jistennih naqra li daqt jigi. Jghid li dan ir-ragel ghandu mutur Suzuki 125 griz u wara xi ghaxar (10) minuti gie. Jghid li '*Jien staqsejtu ghedtlu tista' taqdini gramma? qalli iva mela le u mar gabli gramma*'. Jghid li d-daqqa tahielu Hal-Qormi stess gor-remissa tieghu. Qal li '*taghni LM40 ohra u baghtni ghand iehor il-pjazza ta' San Bastjan. Hal-Qormi.*' Jghid li ma jafx x'ismu l-iehor. Jghid li nesieh il-laqam imma rah il-pjazza u '*ghedtlu jien biex itini grama, qalli stennieni naqra halli immur ingiblek, stennejt hemm il-pjazza jiena u gie. Tajtu l-flus hux u taghni l-gramma u jiena ergajt mort ghand ix-Xalo. U mort ghand ix-Xalo u rega taghni daqqa ohra qed tifhem. Qadt naqra hdejh qalli tridx tmur iggib tnejn ohra? ghedtlu mhux xorta*

[1] Din tinstab f'envelop fil-process immarkat bhala Dok.CA

*jiena imma sadattant jiena ma kontx naf li l-flus foloz qed tifhem. Taghni LM80 erba karti tal-LM20 u mort ninqeda ghand dak li kont ghadni kemm mort.*' Mistoqsi mill-Qorti '*L-istess wiehed tal-pjazza ta' Hal-Qormi San Bastjan*' wiegeb '*Iva u dan qalli isma, jiena.. b'LM40 il-wahda qalli b'LM45 ghedtlu allright gibhomli xorta halli nirranga ghal-flus.Mort ghand ix-Xalo jiena u x'hin mort lura hdejn ix-Xalo ma sibtux hemm biex itini zewg....ergajt mort il-pjazza jiena nistennih forsi jigi x-Xalo uma giex u tlaqt lejn id-dar jiena. Mort lejn id-dar l-Erbgha filghaxija u inzilt il-Hamis biex immur ghand ix-Xalo. Mort u sibt kien hemm pulizija wara l-bieb tar-remissa tieghu. Jiena bzajt hux tlaqt l'hemm. Mort lejn id-dar u mort ninqeda mil-Hamrun minghand il-Gandi. Inqdejt b'pakkett..*' Jghid li l-flus induna li foloz ghax sabu l-ewwel wiehed li nqeda minghandu li qallu li dawn il-flus foloz. Jikkonferma tas-Suzuki 125 qallu li foloz. Jghid li dahal go hanut u iccekjahomlu bit-torch u qallu li foloz. Jghid li hareg il-barra biex jaghti l-flus lil dak tal-mutur u hareg LM20 li kellu fil-but, dahal fil-hanut u staqsieh biex jiccekjalu jekk foloz ukoll u kkonfermalu li foloz ukoll. Jghid li lil tas-Suzuki qallu li kif ikollu jgiblu ghax ma kellux u qallu li ghandu huma foloz ukoll. Jghid li l-Gimgha filghodu telaq minghand missieru u baqa' sejjer hemmhekk Bormla ghax-Xghira ta' Bormla. Staqsa ghal Lembut ma kienx hemm u mar id-dar tieghu.

Jispjega li l-ewwel darba '*mort wahdi, inqdejt zewg pakketti ghaliex bil-gramma ma kellux peress li kont qieghed..jien ghedt halli niehu zewg pakketti imbghad nirranga max-Xalo*'. Jghid li ghal dawn il-pakketti hallas LM20, tnejn tal-LM10. Jghid li mill-foloz. Jghid li qdieh, ha zewg pakketti u rega niezel ix-Xghajra ta' Bormla. Jghid li kien hemm tal-karozza l-bajda jghid li jsibu '*Skossi ghax jaghmel hafna mutetti b'haqlu*', jghid li ghandu Mini Metro. Xehed li mbaghad '*ergajna morna inqdejna jiena u hu tajtu LM20 u ghedtlu li falza u mar ghand il-... u qadt nistennih isfel gol-karozza. Inqeda rega gie, u morna naghmluhom flimkien jien u hu.*' Jghid li marru Bormla stess u li qallu li issa jmur sad-detox qallu biex jaghtih LM20 halli '*infejjaq it-trip, ghedtlu mhux xorta, allright. Tajtu l-LM20 jien xhin hadniha u dan, u x'hin hadniha morna l'isfel lejn ix-Xaghra ta' Bormla u kien hemm Trevor hemmhekk. Rikeb maghna u lil Trevor qallu; hawn akkwistajt LM20 qallu issa imbghad imorru halli infejqek, qbist jiena ghedtlu mela tridx l-20 li ghandek int u l-LM20 tieghi ingibu erba u naghmluha flimkien qabez Trevor qalli iva mhux xorta.*' Xehed li '*Tajna l-flus lill-Trevor u tela Trevor ghadnu tela ghand il-Lembut rega bil-LM40. Gab il-pakketti u morna ghamilnihom flimkien ahna kien gab xi primli ukoll qed tifhem, ghalina valiums ghax kien gja... qabel bihom.*

*u hadt xi 4 minnhom jien l-ohrajn qassmuhom bejniethom huma u morna ghamilnihom dawn l-erba pakketti flimkien jiena, Trevor u l-iehor dak li ghedtlek Skossi tal-Mini Metro. U ghamilnihom flimkien u x'hin lestejna ghedtilhom issa wassluni sad-Detox.'*

Mistoqsi '*Ix-Xalom x'karozza ghandu Joe?*' wiegeb '*Naf li bluna cara mhux skura, ma nistax ingib l-isem bhalissa. Isuzu Gemini.*' Mistoqsi meta kien jidhol ghand ix-Xalom minn fejn kien igib id-droga u min fejn kien igib il-flus wiegeb '*Id-droga kif tidhol mir-rixtellu ghandu tarag ghal-isfel ghal go l-kantina gieli gaba min hemm u faccata ghandu bieb zghir ahdar u gieli gab id-droga min hemm u l-flus ukoll min hemm harighom min gol-katusa tal-murtali.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Inti ilek tinqeda minghand ix-Xalom?*' wiegeb '*M'ilnix hafna forsi kont ilni lanqas kont ilni hmistax ma taqqadhomx hmistax zgur*'. Mistoqsi qabel minn ghand min kien jinqeda jghid li kien ghamel programm u kien ilu sitt xhur wieqaf. Spjega li '*Go tax-Xalo kif tinzel it-tarag ghandu bicca hamrija isha hamrija gebel u hamrija, gebel... zghir jahbi hemm taht qed tifhem, in-nofsijiet u l-grammem u ghandu saqqu jkun fih ukoll*'.

Mistoqsi jekk imorrux hafna nies ghand ix-Xalom wiegeb iva. Jghid li '*Jigu hafna izjed qed tifhem, daqqa tnejn, daqqa wiehed, min jiehu nofs, min jiehu gramma.*' Il-Qorti staqsiet '*U x'kien qed jaghmel dan, ishu ufficcju jzomm?*' Wiegeb '*Ifhimni sas-sitta lhaqt kien hemm, sal-erba jilhaq jaghmilhom ta' filghaxija.*' Mistoqsi jafx fejn joqghod ix-Xalom jghid li ma jafx ezatt. Jghid li Santa Venera, jghid li urihom lil pulizija u urihom il-bieb u l-istrada. Huwa gie moqri l-istqarrija li rrilaxxa fl-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tmenin (1988) li rrilaxxa wara li l-Ispetturi kienu tawh t-twissija u qalulu li jekk irid jista' ma jwiegeb xejn. Jghid li din l-istqarrija qed jaraha li hi mmarkata bhala dokument numru 1.

Fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) rega xehed l-**Ispettur Norbert Ciappara** li prezenta formalment il-flus allegatament foloz li nstabu fuq l-imputat u jghid li bhal issa jinsabu esebiti fil-proceduri Pulizija vs Eleno sive Lino Bezzina.

Fl-istess seduta xehed **Paul Miruzzi, Registratur tal-Qorti** li prezenta kopja tax-xhieda tas-Sur Joseph Attard moghtija fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn il-Magistrat sedenti kien il-Magistrat Dr Giovanni Grixti. Joseph Attard fix-xhieda tieghu fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Sp Norbert Ciappara vs Eleno Bezzina' fl-erbgha (4) ta' Frar tas-

sena elfejn u erbgha (2004) qal li kien spicca l-isptar minhabba overdose u wara jumejn jew tlieta spicca l-Ghassa. Meta mistoqsi jekk jiftakarx il-post li xtara droga jghid li jiftakar lejn Bormla. Huwa gie moqri parti mill-istqarrija tieghu u qal li '*Minix nghid li ma ghamiltiex. Jien kull ma ghidt li l-imputat mhux il-persuna li kelli x'naqsam mieghu dik il-gurnata. Minix ngharaf il-persuna li kelli x'naqsam mieghu. Minix nghid li x-xheda li qara l-ispettur mhux minnha.*' Mistoqsi x'kien xtara bil-flus folz jghid li droga ghall-uzu personali.

Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) id-difiza kienet ezentat il-prosekuzzjoni milli ttella prova tax-xhieda tal-identita' tas-sentenza esebita ghai fini tar-recidiva.

Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed **Ludwig Bugeja** li mistoqsi fuq xiex kellmu l-ufficjal prosekutur u l-Ispettur Stella Cutajar qal li fuq eroina u flus foloz. Ikkonferma li jaf lil '*Joe Attard, Joe Knejjes*' u li '*Dak iz-zmien iva konna xxerjajna xi droga*'. Mistoqsi '*Ara Joe tak il-flus u baghtek ghand xi hadd?*' Wiegeb '*iva lili baghtni ghand il-Lembut*'. Mistoqsi min hu l-lembut jindikah bhala prezenti fl-awla. Jaghraf lill-imputat '*ghax minn Bormla stess. U kien baghtni biex naghtih xi flus tal-karozza l-ewwel qalli. Imbghad qalli taf minn ghandu xi haga biex nixtri xi haga?*' Mistoqsi min qallu hekk, wieged li '*Joe knejjes. Ghidtlu le, ghidtlu bhal issa ma jidhirlix li naf lil xi hadd. Iltqajt mal-Lembut u tajtu xi flus fuq xi karozza. Il-Lembut li qieghed hawn. Imbghad wara smajt li gie overdose u arrestajtu lili*'.

Mistoqsi '*Ara Joe qal li hu baghtek tixtri d-droga minghand il-Lembut. L-eroina*' wiegeb iva. Mistoqsi jekk dak in-nhar bil-flus li tah Joe xtarax droga minghand Jesmond il-Lembut wiegeb li ma jidhirlux. Jghid li xi pilloli kellu dak inhar u jghid li pilloli xtara. Dwar Joe jghid li kien tah il-flus biex '*imorru nixtru d-droga minghand, lili u lil Trevor nixtruha minghand il-Lembut. U xxerjajnieha flimkien*'. Mistoqsi mill-Qorti '*Imma veru li inti mort gibt id-droga minghand il-Lembut*' wiegeb '*Biex nixxerjawha biss ahna xtrajna*'. Mistoqsi wkoll mill-Qorti '*L-imputat kien ser jixxerja maghkom jew le*'? Wiegeb '*Le le. Jiena u Joe u Trevor*'. Mistoqsi mill-Qorti '*kemm taghtuh il-flus u jaghtikom id-droga*' wiegeb '*Ezatt*'.

Mistoqsi jekk kienx jaf x'inhuma l-flus qal li ma kienx jaf u li qabad u tahomlu f'idejh Joe. Mistoqsi '*Inti ghidtilna kont xtrajt xi Valium hux hekk*' wiegeb li '*Iva*'. Mistoqsi x'kien

fihom jghid '*Mhux smack. Eroina.*' Mistoqsi kemm il-pakkett xtara, jghid li jekk mhux sejjer zball xtara xi tnejn. Jghid li darba mar hu u darba mar Trevor. Hallas xi LM20.

Fis-seduta ta' nhar l-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehed **David Scicluna**, exhibits officer fil-Qorti. Jghid '*Gejt mitlub esebit li kien hadu l-exhibit officer l-iehor u issa qieghed inserit f'kawza ohra li jgib in-numru 20/1999 quddiem il-Magistrat Giovanni Grixti.*'

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) stante li kien hemm bdil fil-Magistrat sedenti, il-partijiet kienu ezentaw lil Qorti milli terga tisma' x-xhieda li ngabret fil-kawza sa dak in-nhar.

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) wara l-ordni tal-Avukat Generali tal-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena feljn u ghaxra (2010) l-Ispettur Norbert Ciappara qara u kkonferma c-citazzjoni bil-gurament mill-gdid, rega' sar l-ezami tal-imputat skond il-ligi u l-imputat ezenta lil Qorti milli terga tisma l-provi migbura sal-lum.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) dehru l-esperti Psikjatrici **Dr. George Debono**, **Dr. Anthony Dimech** u **Dr. Joseph Vella Baldacchino** mahtura mill-Qorti li halfu u prezentaw ir-rapport taghhom li jinstab a fol 356 u mmarkat bhala Dok JVB. Xehed L-espert Dr Joseph Vella Baldacchino li qal li wara li ezaminaw il-pazjent u n-noti klinici ghax kien ilu rikoverat f'Mount Carmel ghal hafna zmien jidhrilhom li s-sur Aquilina fl-istat tieghu tal-lum m'ghandux sintomi li jirrelevaw xi forma ta' psikozi jew sintomi ta' menomazzjoni konjittiva li tista' tivvizzjalu l-kapacita' tieghu di intendere e di volore. Jghid li kkonkludew li fil-prezent Jesmond Aquilina huwa kapaci jsegwi l-process tal-Qorti bl-assistenza tal-Avukat tieghu. In kontro-ezami ikkonferma li l-imputat ghadu l-isptar Monte Carmelo pero' mhux fi stat ta' genn. Jghid li hemm ragunijiet ohra ghala ghadu l-isptar.

Fl-istess seduta xehed ukoll l-espert **Dr. George Debono** li spjega li hemm hafna nies l-isptar u huma tajbin biex jidhru l-Qorti jigifieri ma jfissirx li tkun Monte Carmeli u marid, m'intix kapaci. **Dr. Vella Baldacchino** jispjega li anke missier l-imputat kien jattendi hemm u li l-iktar problemi huma ta' alcohol u droga jigifieri substance misuses. Jghid li mhuwiex jghid li l-apellant ma ghandux problemi izda li '*l-funzjoni mentali tieghu nonostante l-fatt illi ghamel snin twal diehel u hiereg Mount Carmel ghadhom*

*tajbin. U kapaci jifhem.*' Mistoqsi ghandux problemi mentali llum jghid li '*ghal kwezit talligi, m'ghandux.*'

Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed **Trevor Camilleri**, li gharaf lil imputat bhala l-'*habib tieghi*'. Jghid li ilu jafu ghax kienu tfal. Dwar il-kaz in kwistjoni tal-elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) l-ufficjal prosekutur spjega '*Fejn f'dan il-kaz hemm allegat li inti kont xtrajt xi droga minghand l-imputat Jesmond Aquilina.*' wiegeb '*Imma mhux veru lanqas*.' Jikkonferma li l-proceduri kontrih decizi. Mistoqsi kemm kellu fis-sbatax (17) ta' April tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) jghid li xi 21. Mistoqsi '*Mela tista tikkonferma inti jekk gieli qattx xtrajt xi droga minghand Jesmond Aquilina?*' Wiegeb '*Le, le, le, qatt.*' Mistoqsi f'dawk iz-zminijiet, wiegeb '*Le, le, le. Qatt ma' naf li kien ibiegh Jesmond jien.*'

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tibda billi tigbed l-attenzjoni tal-partijiet li fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009), l-Ewwel Qorti kienet baghtet l-atti lura lil Avukat Generali permezz tal-ordni li tidher a fol 116 tal-process. F'din l-ordni jirrizulta li l-Ewwel Qorti kienet ghamlet uzu minn formola bit-timbru ta' din il-Qorti kif preseduta. Ghalhekk din il-Qorti tissottolinea li hija ma kellha l-ebda involviment fil-kawza hawn appellata u li ghalkemm intuzat formola bit-timbru taghha fl-ordni hawn indikata, minn imkien ma tirrizulta l-firma tal-Qorti kif hawn preseduta.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghat-talba kontenuta fl-appell tal-appellant, liema talba taqra:

'*Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt li jaghmel referenza ghall-provi prodotti u dawk producibbli f'dan l-istadju u ghas-sottomissjonijiet hawn elenkati u dawk li jistghu jingiebu fit-trattazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-rigward s-sentenza moghtija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata l-s-seba (7) ta' Marzu 2018 fil-konfront tieghu billi fl-ewwel lok zzomm ferma u konferma fuq il-fatt li l-imsemmija Qorti ta' Prim istanza sabitu mhux hati tar-reati kif kontemplati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzjua tal-Avukat Generali u ghat-tieni imputazzjoni u fit-tieni lok billi thassar, tirriforma u tilliberah minn kull htija u piena fil-*

*konfront tal-akkuzi l-ohra kif elenkati mill-imsemmija Qorti bhala t-tielet, ir-raba , l-hames u s-sitt akkuzi u dan ai termini tal-ligi.'*

Din il-Qorti fl-ewwel lok tinnota li l-appellant qieghed apparti li jitlob konferma fuq il-fatt li l-imsemmija Qorti ta' Prim istanza sabitu mhux hati tar-reati kif kontemplati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u ghat-tieni impurtazzjoni u fit-tieni lok jitlob billi thassar, tirriforma u tilliberah minn kull htija u piena.

Illi l-artikolu 419(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, -*
*(a) il-fatti fil-qosor;*
*(b) ir-raġunijiet tal-appell;*
*(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.*

L-appellant fit-tieni talba tieghu talab kemm it-thassir u anke r-riforma tas-sentenza appellata u dan kuntrarjament ghal dak li jiprovdi l-artikolu 419(1)(ċ) tal-Kapiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supt. Stephen Gatt) vs Bartolomew Caruana'**[2] gie kkunsidrat:

*'Ir-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali huma ta' ordni pubbliku u bhala tali huma sollevabbli ex- officcju mill-Qorti jew mil-partijiet fi kwalunkwe stadju tal-proceduri. Il-Qorti dejjem interpretat dawk il-kweziti bl- aktar mod strett u ricidu. Tant hu hekk, fil-kawza "Pulizija kontra Joseph Galea" deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-30 ta' Gunju 1995 intqal 'Bhala regola generali, l-Artikolu 419 (1), cioe li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza giet "very strickly and rigidly interpreted".*

*"Ghal kemm il-Ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghat-tibdil, fil-prassi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil purche illi din it-talba tkun subordinata ghal-ewwel wahda. Infatti, anke jekk jintalab biss ghat-thassir, il-Qorti tista' minflokk thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lil l-appellant jew issib hati lil l-appellant – skond min ikun appella – tilqa l-appell in parti u tbiddel is- sentenza, per ezempju limitatament ghal piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lil l-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, dejjem gie retenut li jekk*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2012 (Appell Kriminali Numru. 163/2010)

*flok talba ghal bdil issir talba ghat-thissir, ir-rikors ikun null".*

*"Ir-raison d'etre ta' l-Artikolu 419 (1) (A) (B) (C) huwa simplifikazzjoni u kjarezza li l-legislatur ried li r-rikors ta' appell ghandu jkun redatt b'ta' li mod li mil-ewwel ipoggi kemm lil Qorti kif ukoll lil intimat fil-pozizzjoni li jkun qieghed ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xiex qieghed jilmenta l-appellant u x'inhu qieghed jitlob. Il-vot tal-Ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati l'hawn u l'hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom".*

*L-insenjament ta' din is-sentenza huwa car. It-thassir jew it-tibdil huma alternattivi u ma jistghux jintalbu flimkien salkemm wahda ma tkunx subordinata ghal ohra. F'dan il-kaz l-appellant tefa' kollox f'keffa wahda u talab il- possibiltajiet kollha bhal li kieku xi wahda sejjer jolqot. Bir- rispett, dan m'huwiex il-mod kif isiru l-atti tal-Qorti u fil- waqt li huwa minnu illi l-Qorti tiprova kemm jista' jkun ma tkunx formali zzejjed f'certa dispozizzjonijiet li jikkoncernaw ordni pubbliku ma tistax tkun leggera u thalli kollox ghaddej.*'

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Yvonne Farrugia Vs Frances Scerri'**[3], ididikjarat l-appell bhala null wara li qieset it-tghallim gurisprudenzjali u kkunsidrat li:

'*Issa huwa indubitat illi id- decizjoni impunjata sabet reita' ghar-reati kollha addebitati lill-appellanti u li hi qed tilmenta minn din is-sejbien ta' htija fuq bazi generali. Di piu mir- rikors ta'l-appell lanqas jidher illi hemm xi aggravvju marbut biss mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghalkemm d-difensur ta'l-appellanti isemmi dina l- lanjanza fil-kors tat-trattazzjoni orali. Kwindi ma hemm l-ebda talba subordinata ghal dik tat-thassir billi tintalab xi riforma biss fil-piena inflitta. It-talba hija ghal kollox kontradittorja billi jidher illi b'mod ewlieni qed tintalab ir-riforma u dan ghandu isir, fil-fehma tal-appellanti, billi din il- Qorti tirrevoka d-decizjoni impunjata fl-intier taghha. Talba li evidentement ma tottemperax ruhha mar-rekwiziti stabbilita fl-artikolu 419, hawn fuq iccitata taht piena ta' nullita'.*

Illi permezz tal-Att 1 tal-2018 li dahal fis-sehh fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-kliem "*taħt piena ta' nullita*'" fl-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew imhassra. Ghalhekk peress li s-sentenza appellata giet deciza fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) filwaqt li r-rikors tal-Appell gie prezentat

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell kriminali nhar is-26 ta' Jannar, 2017 (Appell nru: 531/2015)

fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-uzu tal-kliem 'thassar' u tirriforma' fit-tieni talba tar-rikors tal-appell huma ghalkemm bi ksur ghal dak li jispecifika l-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illum il-gurnata ma jwasslux ghan-nullita tal-appell. F'dan ir-rigward kif gie ikunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Wayne Fenech'**[4]:

'*Illi t-talba tal-appellant hija wahda konfuzjonarja ghall- ahhar u li ma kienx ghall-emendi introdotti bl-Att I tal-2018, rikors konsimili kien ikun possibilment soggett ghal ezitu infelici. Ghalkemm l-imsemmi att emenda l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali billi nehha l-piena ta' nullita' fejn si tratta inter alia tat- talba ghat-tahsir jew tibdil tas-sentenza kif ukoll fl-artikolu 520 li jaghmel applikabbli l-artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni ta' Procedura Civili, ma jfissirx b'daqshekk illi l-appellant, ossia l- avukat difensur tieghu, jista' juri daqstant apatija u nuqqas ta' struzzjoni fil-ligi billi jixhet b'daqstant leggerezza dak kollu li jigi f'rasu fir-rikors tal-appell biex imbaghad il-Qorti tara hi x'tista' testrapola minnu. L-agir tad-difensur tal-appellant imur oltre billi azzarda jakkludi dokumenti godda mar-rikors tal-appell tieghu minghajr il-permess preventiv tal-Qorti skond id-dispost tal- artikolu 424 tal-Kodici Kriminali;*

*3. Ventilat dan, u minghajr ebda dell fuq l-appellant inniffsu, din il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha sia dwar is-sejbien ta' htija kif ukoll dwar il-piena u dan ai termini tal-artikolu 143 (4) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta applikabbli bl-artikolu 520 (1)(c) tal-Kapitolu 9 li jiddisponi li talba ghat-thassir tinkludi talba ghat-tibdil tas-sentenza;* '

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti sabet ukoll li l-appellant talab li din il-Qorti '*thassar, tirriforma u tilliberah minn kull htija u piena fil-konfront tal-akkuzi l-ohra kif elenkati mill-imsemmija Qorti bhala t-tielet, ir-raba, l-hames u s-sitt akkuzi u dan ai termini tal-ligi.*' Ghalhekk ghalkemm l-appellant talab li jigi liberat minn kull htija u piena fil-konfront tal-akkuzi, huwa ghadda sabiex jindika t-tielet, ir-raba, il-hames u s-sitt akkuzi.

Din il-Qorti ghalhekk ghaddiet biex tikkunsidra l-parti dispositiva tas-sentenza appellata li kienet taqra:

'*Ghaldawn ir-ragunijiet, il-Qorti:*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Settembru, 2018 (Appell Nru. 143/2018)

1. *Issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u qed tilleberah minnhom;*
2. *Tilliberah ukoll mit-tieni imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga eroina;*
3. *Wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939; l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u r-regolamenti 3 (1) tal-Avviz Legali 22/1985; u l-Artikolu 17, 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat.'*

Ghalhekk jirrizulta li l-Qorti sabet htija tal-**ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni**, filwaqt li l-appellant ghalkemm ghamel referenza ghal fejn sabet htija l-Ewwel Qorti indika **'it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni**.' L-Ewwel Qorti ma sabitx htija tat-tieni imputazzjoni u ddikjarat li mhijiex issib htija tar-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u lliberatu minnhom. L-Ewwel Qorti izda ma qalitx espressament li mhijiex issib htija tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni.

L-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju a fol 370 tal-process jindika li tista tinsab htija:

(a) *Fl-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
(b) *Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*
(c) *Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

L-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 indikati fin-nota tar-rinviju illum imhassra permezz tal-Att XLIX tal-2016, ghalkemm jinkwadraw ruhom fil-hames u s-sitt imputazzjoni madankollu l-Ewwel Qorti ma ddisponietx espressament minn dawn iz-zewg imputazzjoni. Dan in-nuqqas tal-Ewwel Qorti seta' wasal lill-appellant sabiex jippostulha t-talba bil-mod li pprezentaha, tant li indika ukoll il-hames u s-sitt akkuzi meta ma kienx hemm dikjarazzjoni espressa ta' htija ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet. In oltre', l-appellant fit-talba tieghu naqas milli jindika ukoll l-ewwel u s-seba' imputazzjoni li taghhom l-appellant instab hati apparti t-tielet u r-raba akkuza.

Din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk dawn in-nuqqasijiet fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata ossia l-fatt li l-Ewwel Qorti fil-parti dispostiva tas-sentenza ma

ddisponietx espressament mill-hames u s-sit akkuza iwasalx ghan-nullita tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*'.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Trevor Micallef) Vs Omissis Benjamino Camilleri'**[5] ikkunsidrat li:

'*Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-Sentenza appellata, ssib illi verament l-Ewwel Qorti ddikjerat illi qieghda ssib lill-appellant hati mighajr ma tispecifika ghall- liema mputazzjonijiet qieghda tiddikjara dan, pero' mbaghad meta giet biex tinfliggi l-multa, ddikjarat illi dana qed taghmlu ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet. Fil-fatt irrizulta tliet imputazzjonijiet u ergo, fejn f'nifs il- Qorti qieghda tiddikjara lill-appellant hati prezubilment ghat-tliet imputazzjonijiet qieghda tikkundannah biss ghal tnejn. L-artiklu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti taghti s-Sentenza, "Ghandha tghid il-fatt illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artikli ta' dan il-Kodici jew ta' kull* Ligi *ohra li jkun ikkontempla dan ir-reat." Ovjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti illi taghhom l-appellant ikun gie misjub hati dana jfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjerazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa nutli illi ssemmi l-fatti, jsegwi f'kaz ta' mputazzjoni multipla illi l-Qorti jew taghti piena wahda komplessivament jew inkella ssemmi wahda wahda l- imputazzjonijiet u taghti l-piena skont il-kaz. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni konfuzjonarja fejn f'nifs il-Qorti qed tiddikjara lill-appellant hati u fl-iehor qieghda tikkundannah ghal zewg imputazzjonijiet minghajr ma tiddikjara x'qieghda taghmel bit-tielet imputazzjoni. Bir-ragun, l- appellant ma jistax jitqieghed fis-sitwazzjoni ta' ncertezza minghar ma jkun jaf ta' xiex qed jinstab hati u ta' xiex qed jigi kkundannat l-emmenda. F'pozizzjoni bhal din twassa ghan-nuqqas ta' formalita sostanzjali u l-ewwel Sentenza hija suggetta ghal censura ghan-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' xiex l-akkuzat qed jinstab hati (ara Il-Pulizija vs Joseph Agius appell kriminali 15 ta'Marzu, 2012). Ghalhekk peress illi s-Sentenza appellata*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 (Appell numru. 109/2011)

*hija karenti minn dan l- element l-ewwel aggravju ta' l-appellant jimmerita konferma.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Brown'**[6] ġie kkunsidrat li:

*'F'dan il-kaz mhuwiex car ghal x'hix l-emmenda ta' mitt lira qeghda tigi addebitata, jekk huwiex ghat-tieni akkuza li tellef il-gieh ta' Davinia Galea u weggagha bi kliem b'gesti jew b'xi mod iehor jew inkella ghat-tielet akkuza li remgha z-zibel f'post pubbliku.*

*L-Ewwel Qorti ma ppronuncjatx ruhha dwar din it-Tielet akkuza, ghad li rreferiet ghall-artikolu 4 tal-Avviz Legali 344/2005 meta giet biex erogat il-piena.*

*Ma hemmx dubju illi dan l-izball jwassal ghan-nullita` tas- sentenza.*

*Kif qalet il-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Agius deciza 3 ta' Frar 1995 "in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali".*

*Dan iwassal ghan-nullita` tas-sentenza w kwindi ghandha terga` tinstema mill-gdid.*

*Ghalhekk din il-Qorti mhihix sejra tittratta t-tieni aggravju tal-Avukat Generali w cioe` illi l-Ewwel Qorti erogat piena illi hija ferm anqas minn dik li stabbilit il-Ligi, sabiex dana jigi kkunsidrat mill-Ewwel Qorti meta tkun qeghda tittratta l-kawza mill-gdid.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Brian Micallef'**[7], Il-Qorti annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

*'Iżda l-appellant jillamenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma semmietx jekk l-appellanti huwiex ħati jew le tal-ħames imputazzjoni.*

*Issa fis-sentenza miktuba mill-Ewwel Onorabbli Qorti hemm miktub hekk fuq in-naħa tax-xellug:*

*'Stante li l-1, 2,3,u r r-raba' akkużi āew ippruvati......'.*

*Iżda mbagħad il-Maġistrat żiedet 'u l-5' bejn in-numru 4 u l-kelma 'akkużi'. Għalhekk jidher*

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 2012 (Appell Kriminali Numru. 307/2010
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Frar, 2011 (Appell Kriminali Numru. 266/2010)

*li skond is-sentenza miktuba l-appellant kien misjub ħati tal-ħames imputazzjoni.*

*Min-naħa l-oħra, min ħa ħsieb jittajpja s-sentenza kiteb hekk:*

*'Stante li l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkużi ġew ippruvati, speċjalment mill-affidavit ta' PS 426 u tax-xhud Steve Abela, qed issib lill-imputat Brian Micallef ħati ta' dawn l-akkużi u tikkundannah multa ta' €570'.*

*Waqt li jissemma l-artikolu 338(g) tal-Kap 9, li jolqot il- ħames akkuża, fis-silta riprodotta hawn fuq m'hemmx referenza għall-ħames imputazzjoni probabbli għax min ittajpja s-sentenza ma ndunax li l-Maġistrat kienet niżżlet bl-idejn il-frażi 'u l-5' bejn 'in-numru 4' u l-kelma 'akkużi' fuq iċ-ċitazzjoni u ra l-ewwel erba' numri biss.*

*Jirriżulta li hemm żewġ verżjonijiet tal-istess sentenza li mhumiex jaqblu għal kollox dwar il-ħames imputazzjoni.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. G. Azzopardi) Vs. Jurgen Xerri Donna Camilleri'**[8] gie kkunsidrat:

*'Li kif tinsab redatta s-sentenza minn imkien ma jirrizulta li l-Ewwel Qorti qieset w, inqas u inqas, li sabet htija jew xorta' ohra dwar l-akkuzi mizjuda fuq imsemmija.*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il- Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

***Illi f' dan il-kaz, billi fl-akkuzi kif riprodotti fis-sentenza appellata, ma jissemmewx il-hames akkuzi li gew mizjuda, gie li l-Ewwel Qorti ma qalitx il-fatti li taghhom l-imputati kienu qed jigu misjuba hatja.***

***Inoltre din il-Qorti ma tistax ma tosservax "marte propria" li l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija kemm tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni alternattiva ta' ricettazzjoni f' daqqa. Setghet issib htija jew ta' wahda jew tal-ohra, imma mhux tat-tnejn f' daqqa.***

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ottubru, 2006 (Appell Kriminali Numru. 240/2006)

***Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti trid, kif del resto qablu l-prosekuzzjoni w d-difiza, tannulla s- sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ddisponietx u ma ddecidietx dwar l-akkuzi kollha (inkluzi dawk mizjuda fl-ewwel dehra) dedotti kontra l- appellati.'***

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

'*Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali.*'

B'zieda ma dak ikkunsidrat, din il-Qorti wkoll taghmel referenza ghall-fatt li l-Ewwel Qorti meta indikat l-artikoli li dwarhom kienet qed issib htija indikat fost ligijiet ohra r-regolamenti 4 u 9 ta-G.N.292/1939 minghajr ma ghamlet referenza ghall-legislazzjoni sussidjarja 101.02 li tirreferi ghan-Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939 kif emendata. Din il-Qorti temfasizza l-importanza li jigi rispetat dak li jipprovdi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrikjedi li sentenza apparti li tiddikjara l-fatti, ghandha tnizzel ukoll l-akkuzi li dwarhom tkun qed issib htija u l-artikli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat.

Ikkunsidrat;

Illi stante li l-Ewwel Qorti specifikament illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga eroina, sabitu hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjonijiet u ghalkemm sabet li l-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u illiberatu minnhom, naqset milli espressament tipronunzja ruhha dwar il-hames u s-sitt akkuzi ifisser li l-Ewwel Qorti ma rrrispetatx il-vot li trid il-ligi. Dan igib in-nullita' tas-sentenza appellata ai termini tal-artikolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta. Liema nullita' qiegħda tqajjimha din il-Qorti *ex officio*.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lil Qorti tal-

Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tiġi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur